MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 1597/2010

**Valletta Freight Services Shipping Limited (C-20446)**
**Vs**
**Ventur Commercials Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet li hemm bilanc mhux mhallas ta’ *demurrage* charges fuq *containers* li waslu gewwa Malta fuq il-vapur George Washington Bridge fil-11 ta’ Frar 2010, fuq il-vapur Wan He fit-8 ta’ Marzu, 2010 u fuq il-vapur Cosco Singapore fit-18 ta’ Marzu 2010; bl-ispejjez legali nkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ Awwissu 2010 u bl-imghaxijiet legali mid-data tax-xogholijiet sad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li eccepixxiet illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici, u dana ghas-segwenti ragunijiet: 1. Fl-ewwel lok, il-ftehim ta’ bejn il-partijiet kien fis-sens illi s-socjeta’ konvenuta ma kinitx ser thallas ghal *demurrage*.

Illi fil-fatt ghajr ghall-kaz odjern, is-socjeta’ attrici qatt ma talbet lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas *demurrage*, kif kien wara kollox il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Illi wara kollox kien ghalhekk u ghalhekk biss illi s-socjeta’ konvenuta kienet accettat illi tikkunsidra u fil-fatt tibda tuza s-servizz pprovdut mis-socjeta’ attrici; 2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ konvenuta diga ghaddiet hlas *in full and final settlement of account*, liema hlas gie accettat mis-socjeta’ attrici minghajr ebda riserva. Tant hu hekk illi kien biss wara illi s-socjeta’ konvenuta ddecidiet illi ma tibqax tuza s-servizz pprovdut mis-socjeta’ attrici illi din ta’ l-ahhar infurmata illi kienet ser tibghatilha kont ghal *demurrage*; 3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba promossa mis-socjeta’ attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; u dana kollu kif sejjer jigi dettaljatament ippruvat fil-mori ta’ dina l-procedura; salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi; bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici illi qieghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Victor Vella ghas-socjeta’ attrici u lil John Grima ghas-socjeta’ konvenuta;

Mill-atti rrizulta li:

**Victor Vella** ddikjara li s-socjeta’ attrici tippresta servizzi ta garr ossia li tiehu hsieb l-import permezz ta’ *containers* ta’ merkanzija ta’ klijenti gewwa Malta. Illi ghalhekk meta jidhol vapur jigi pprezentat *Bill of Lading* u *delivery order* fejn l-obbligazzjonijiet tal-partijiet jkunu spjegati. Illi f’dak li jirrigwarda l-kaz odjern l-ammont mitlub huwa hlasijiet ghad-dewmien (ossia *Demurrage*) fir-rigward ta *containers*. Illi skont id-dokumenti prezentati kien hemm diversi vapuri: l-ewwel kien wasal fit-18 ta’ Marzu u l-*containers* iddahhlu lura vojta fit-30 ta’ Marzu, it-tieni fit-8 ta’ Marzu 2010 u l-*containers* dahhlu lura fis-16 ta’ Marzu 2010 u iehor fil-11 ta’ Frar u l-*containers* dahlu fid-19 ta’ Frar. Illi ghalhekk wara li jidhlu fil-port il-klijent jkollu sebat ijiem (free) biex ibattal il-conatiners. Illi wara dan jekk klijent idum ma jigbor il-merkanzija wiehed jigi ccargjat *demurrage expenses*. It-tieni data hija meta idahhlu gewwa l-*containers* vojta. Illi minhabba r-relazzjoni

taghhom biex jigbru l-merkanzija jekk ma jipprezentawx il-*bill of lading* huma kienu jaccettaw ukoll lis-*standard shipping guarantee*. Skont ix-xheida ta' Victor Vella kien a konoxxenza taz-zewg partijiet li d-*demurrage* kellu jithallas.

**John Grima** ghas-socjeta' konvenuta ddikjara li timporta vetturi mill-Ingilterra u kienu juzaw is-servizzi tas-socjeta' konvenuta. Illi pero' dawn ma kienux joffru s-servizz mill-Gappun. Ghalhekk meta gew biex jimpurtaw mill-Gappun kienu juzaw is-servizzi ta' terzi. Illi peress illi kien hemm zewg socjetajiet dan kien favorevoli ghas-socjeta' attrici li jkollha *business* tat-tnejn. Kien avvicinahom Victor Vella li kien ghamlilhom offerta biex juzaw is-servizzi taghhom b'rati aktar kompettivi u skont Grima dan kien qalilhom illi ma kienu jhallsu qatt ghall-*demurage charges*[1]*.* Kien sar ftehim f'laqgha ma' ibnu w huh u Victor Vella fejn il-ftehim kien li "*ghad-demurrage ma nhallsu qatt*" pero'+ ma saret ebda skrittura. Dan gie konfermat minn Keith Grima (iben John Grima).

F'sentejn huma qatt ma gew mitluba jhallsu d-*demurrage* u mxew skont il-ftehim verbali li kien ntlahaq. Il-kont kien jintbaghat wara li transazzjoni tigi konkluza. Hlas fuq *freight* kien issir wara li tintbaght *invoice* li kien isir a saldu u qatt ma jsir *part-payment*. L-*invoices* kienu dejjem konklussivi fis-sens illi wara li tasal *freight* kienu jibaghtu *invoice* u jhallsuh. Illi nfatti qatt ma kien hemm hlas ghad-*demurrage* f'dawn is-sentejn u lanqas hlas ta' depozitu li huwa l-prattika jekk wiehed ghandu jhallas *demurrage*.

Illi fis-sena 2010 il-preziijiet tal-*containers* gholew u ghalhekk is-socjeta' konveuta kellha bilfors issib mezz iehor kif timporta l-vetturi u ghalhekk sabu *RoLo*. Ghalhekk ir-relazzjoni mas-socjeta' attrici ntemmet, u talbu li jaghmlulhom il-kont finali sabiex ihallsu l-pendenzi kollha li kellhom. John Grima ddikjara li nghata kont u kien ghamilha cara illi dan il-hlas kien ghas-saldu ossia *in full and final settlement*. Pero' dan kien verbali u ma kien hemm xejn bil-miktub. Illi nfatti l-ircevuta stess ma tghidx

[1] Ara xhieda wkoll ta' Keith Grima, a folio 43, tal-process.

*payment on account* u sahansitra l-unika kundizzjoni kienet dwar jekk ic-cekk ma tissarrafx.
*"Nghid illi minkejja dan l-ebda persuna fi hdan is-scojeta' attrici (inkluz Victor Vella) qatt ma semmitilna illi kien hemm xi flejjes ohra dovuti, la in linea ta demurrage u la in linea ta' multi u spejjes ohra."*

Illi hu sostna illi f'dawn l-ahhar sentejn qatt ma ntbaghtu korrispondenza u lanqas *invoices* dwar id-*demurrage*. Illi kkontesta ukoll l-ezistenza tal-*invoices* tal-25 ta' Frar 2010 u tat-13 t'April 2010 bhala *fazulli.* Illi kkontesta ukoll li hu /jew xi haddiema tieghu qatt iffirmaw id-dokument a folio 16 tal-process[2]. Skont hu, l-azzjoni li hadu hi bbazzata fuq gidba u li saret bhala ritaljazzjoni ghad-decizjoni li hadu biex ma juzawx is-servizzi tas-socjeta' attrici.

Illi mill-korrispondenza,[3] datata 23 ta' Novembru 2009 jindika illi r-rata li giet offerta kienet : " *US$2350/40 HC FOB to FO[4]".* Mill-korrispondenza ta' Keith Grima r-risposta kienet "*is this the best you can offer?".*

Hareg illi fl-ahhar ta' Gunju u Lulju 2010 Victor Vella ndika illi kellhom jsiru l-pagamenti ghad-*demurrage* fejn indika illi kellhom jibdew jiccargjawhom *demurrage* u ghalhekk kien hemm ammonti dovuti ghal-bidu tas-sena 2010. Illi il-*Bill of lading* (li ndika vapur differenti minn dak indikat fl-avviz) jindika fil-kalwzola 13.3 illi:-
*"Merchant shall pay all demurrage and charges which are not due to the fault and neglect of the freight forwarder*. "

**Victor Vella** fil-kontro-ezami ddikjara illi l-kwistjoni bdiet fis-sena 2010 bejn Frar 2010 u Mejju 2010. Illi hu ccara illi l-*invoice* ghad-*demurrage* ma jistax jsir mal-*inovice* tal-*frieght*. Illi hemm diskrepanza ta' zmien ghaliex meta jidhol ix-xoghol jintbaghtu ghall-hlas tal-*frieght* wara li l-*container* jitbattal li jista' jdum diversi gimghat u l-*container* jidhol gewwal il-*warehouse* battal imbaghad huma jircievu kont ta' *demurrage*. Id-*demurrage* jigi mhallas mix-*shipping line* u jkun skont tarriffi fissi.

[2] Ara affidavit a folio 41 tal-process.
[3] ara dok A a folio 56 tal-process
[4] *FOB jfisser Free on Board FO jfisser Free out*

**Ikkunsidera:**

Illi s-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal *demurrage fees* illi allegatament thallsu lis-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited, u dan in bazi tar-rati rizultanti mill-fatturi mmarkata bhala Doks VV2, VV3 u VV4.

Illi fl-ewwel lok hareg illi ma kienx hemm kontestazzjoni li kien hemm dewmien da parti tas-socjeta' konvenuta li tbattal il-*containers* u lanqas li ma riedux ihallsu d-*demurrage* ghaliex kien hemm xi tort jew nuqqas da parti tas-socjeta' attrici. Lanqas hemm kontestazzjoni dwar kif waslu ghal-quantum anzi accettaw illi kien hemm dewmien u li ghalhekk hemm *demurrage charges li* kellhom jithallsu. Illi pero' l-kontestazzjoni taghhom kienet li l-hlas kellu jsir mis-socjeta' attrici minhabba ftehim verbali li kien ntlahaq u sahansitra li l-hlas li sar mis-socjeta' konvenuta relattiv ghall-ahhar konsenja li saret tramite tas-servizzi li pprovdiet is-socjeta' attrici, kien ghas-saldu ta' kwalunkwe ammont li kien dovut lilha.

Ghalhekk it-Tribunal ghandu jiddetermina fl-ewwel lok jekk qatt kien hemm ftehim dwar il-hlas tad- *demurrage charges.*

Illi ghalkemm tlett xhieda ddeponew li kien hemm ftehim verbali dan gie kontestat b'mod kategoriku mis-socjeta' attrici. Illi b'amissjoni tal-partijiet qatt ma kien hemm skrittura dwar dan il-ftehim. Illi lanqas ma hemm korrispondenza li turi xi ndikazzjoni li s-socjeta' attrici kienet qatt accettat dan. F'dawn l-ahhar sentejn qatt ma kien hemm okkazzjoni fejn is-socjeta attrici kellha titolbu d-*demurrage*. Ara x-xhieda in kontro-ezami ta' John Grima li kkonferma bil-gurament illi "*ma kellna ebda kaz fejn is-socjeta' attrici kellha titlob id-demurrage*" ghaliex jidher illi qatt ma kellhom dewmien. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi apparti x-xhieda ma hemm ebda fattur iehor li jindika li waslu ghal dan il-ftehim. Anzi, pjuttost il-kuntrarju. (Ara dok A a fol 56 u 57. )

Illi t-Tribunal jemmen illi seta' kien hemm diskussjonijiet f'dan is-sens illi pero' ma hemmx evidenza illi kien sar qbil car u inekwivoku dwar dan. Illi ghalhekk tenut kont illi m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar fil-fatt x'kien sar u tenut kont li qatt ma kellhom okkazzjoni ohra , tenut kont illi fid-dikussjonijiet kien gie prezentat l-*email* datat 10 ta' Gunju 2008 fejn ntbaghtu r-rati u hawnhekk hawn stipulata *Free in Free out – loading and discharge is at consigner's cost* li juri l-posizzjoni tas-socjeta' attrici. Fin-nuqqas ta' prova ohra it-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh fuq il-provi dokumentarji ossia il-*bill of lading*.

Huwa ormai pacifiku illi l-kwalitajiet tal-*bill of lading* aparti li huwa ricevuta li l-merkanzija tghabbit fuq il-vapur, dokument li juri titlu huwa ukoll l-evidenza *prima facie* tal-kuntratt ta' garr. Illi t-termini tal-*bill of lading* klawzola 13.3 jindika illi id-*demurrage* huwa r-responsabilita' tan-negozjant. Illi fil-kawza odjerna anke lis-*standard shipping guarantee* (iffirmat mill-burdnar Micheal Grech) jindikaw illi id-*demurrage charges* ghandhom jkunu r-responsabilita' tan- *negozjant .*[5] Ghalhekk it-Tribunal ihoss in vista ta' dan ghandu jirrespingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta ddikjarat ukoll fit-tieni eccezzjoni taghha illi kienet diga ghaddiet il-*flus in full and final settlement of account* u ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax issa tinsisti ghall-pagament ulterjuri. Illi t-Tribnal ma jistax jaqbel ma din it-tezi. Is-socjeta' attrici spjegat carament kif l-*invoice* ghad-*demurrage* ma setatx isir fl-istess zmien li issir l-*invoice* ghall-garr tal-merkanzija. Illi anke kieku kellu jistrieh fuq il-verzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li l-hlas kien ghas-saldu, dan hlief dak li ntqal fix-xhieda tieghu, imkien ma hemm indikazzjoni bil-miktub ta' dan.

Hija prattika kummercjali diffusa li jekk tabilhaqq il-konvenut kellu l-intenzjoni li l-hlas huwa wiehed finali, hu ghandu jinsisti ghal kwittanza shiha permezz ta' dokument jew ircevuta jew xi tip ta' kitba <u>fejn jindika li qed ihallas</u>

---

[5] huwa ara Dok C a fol: 59 tal-process bill of lading

ghas-saldu. Ara "**William Apap vs Joseph Galea et noe**"[6] fejn intqal hekk:

"*Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b'mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m'ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b'kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu*"…..

Il-gurisprudenza hija cara, d-debittur offerent ghandu jaghmel id-dikjarazzjoni b'mod car u inekwivoku. It-Tribunal ma sab ebda evidenza li dan sehh u lanqas illi qatt kien hemm skambju ta' korripsondenza dwar dan il-punt fejn is-socjeta' attrici accettat o meno dan ir-riserva.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici ssomma ta' elf u tnejn u hamsin ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,052.56) bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 1986.